MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Numru 86/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**TAREK MAHMOUD ABOU MEHDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tarek Mahmoud Abou Mehdi, ta' 30 sena, bin Mahmoud u Suwat nee' Irtemi, imwieled Tripoli, Libja, nhar l-4 ta' Dicembru, 1975, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta' passaport libjan bin-numru 409429;

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru, 2005, f'xi hin bejn it-8am, u d-9.45pm, mill-fond Flat 6, Block A, Queen Elizabeth Flats, Triq Gort, Paceville, limiti ta' San Giljan, flimkien ma' certu George Vella:

1. Ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra ghad-dannu ta' Simon Lee Jackson liema serq aggaravat bil-mezz *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-lok *ai termini* tal-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), izda izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), *ai termini* tal-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dannu ta' Simon Lee Jackson;

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittiv u ma jistghux jigu mibdula;

4. U aktar talli kiser il-provvidiment tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza datata 26 ta' Lulju, 2002 meta kien misjub hati ta' reat ta' feriment gravi fuq tliet persuni fost akkuzi ohra, u gie kkundannat tmintax-il (18) xahar habs sospizi ghal tlitt (3) snin.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 269 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 28 A u 28 B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Tarek Mahmoud Abou Mehdi hati tal-ewwel (1), it-

tieni (2), u t-tielet (3) akkuza migjuba kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Din l-istess Qorti mhix qiegheda ssib lill-imputat Tarek Mahmoud Abou Mehdi hati tar-raba' (4) akkuza migjuba kontrih u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------